Supplement tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,322, 29 ta' Novembru, 2002
Taqsima B

A.L. 360 ta' l-2002

ATT DWAR PROPRJETÀ TA' L-GĦADU
(KAP. 179)

Regolamenti ta' l-2002 dwar Talbiet dwar il-Proprjetà amministrata bħala Proprjetà ta' l-Għadu

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att dwar Proprjetà ta' l-Għadu, il-Prim Ministru bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2002 dwar Talbiet dwar il-Proprjetà amministrata bħala Proprjetà ta' l-Għadu. Titolu.

2. F'dawn ir-regolamenti – Tifsir.

"Att" tfisser l-Att dwar Proprjetà ta' l-Għadu;

"Bord" tfisser il-Bord imwaqqaf skond ma hemm fl-artikolu 4 ta' l-Att;

"Kustodju" tfisser il-Kustodju tal-Proprjetà ta' l-Għadu imsemmi fl-artikolu 2 ta' l-Att;

"Proprjetà" tfisser, kemm-il darba ma' jkunx indikat xort'oħra, kemm proprjetà mobbli kemm immobbli amministrata mill-Kustodju.

3. (1) Persuna, li tippretendi li tkun persuna li jkollha jedd taħt l-artikolu 4 ta' l-Att, għandha tħallas dritt ta' mitt lira (Lm100) meta tkun qed tagħmel it-talba tagħha lill-Kustodju. Talbiet.

(2) Il-Kustodju għandu jirreferi kull talba li huwa jirċievi, lill-Bord, kemm jista' jkun malajr wara l-1 ta' Jannar 2003, u l-Bord għandu jiżgura li, qabel ir-rilaxx tal-proprjetà skond ma' hemm fl-Att, il-Kustodju jiġbor lura l-ispejjeż attwali kollha li jkunu saru matul l-amministrazzjoni, u b'żieda ma' dan, meta l-proprjetà tkun immobbli, jkun dovut dritt ta' amministrazzjoni ta' ħamsa fil-mija li jiġi kkalkulat fuq il-valur korrenti tal-proprjetà hekk rilaxxata.".